**Minuti tal-mitejn u ħamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2009 fis-6.30 p.m. Din hija wkoll is-sebgħa u tletin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Joseph Cordina |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Christian Żammit |
| <u>Kunsilliera :</u> | Mary Carmen Bajada |
| | Joseph Bartolo |
| | Kevin Cutajar |
| <u>Uffiċċjali :</u> | |
| Segretarju Eżekuttiv | Joseph Azzopardi |

**QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 244 li saret nhar il-Gimgħa 18 ta' Settembru 2009 wara li jsiru l-korrezzjonijiet approvati.

Kien hemm xi punti li tqajmu mill-minuti ta' dik il-laqgħa. Il-Viċi Sindku Christian Żammit staqsa dwar l-applikazzjoni għall-entratura fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li l-Perit Scerri qed jikkorrispondi mac-*Chairman* tal-M.E.P.A. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra li l-Perit bagħat lic-Chairman tal-M.E.P.A. Is-Sindku kompla li l-Perit Scerri għandu jagħti xi nformazzjoni lill-M.E.P.A. dwar l-applikazzjoni għall-*belvedere* fi Triq il-Knisja. Peress li hawnhekk għad baqa' l-problema tad-drenaġġ ser niġbdu l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Il-Viċi Sindku Christian Żammit staqsa dwar l-applikazzjoni għall-*blue flag status* għall-bajja tar-Ramla. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li wara laqgħa li saret fl-4 ta' Lulju fil-Ministeru għal Għawdex bejn l-entitajiet kollha nteressati, saru ħafna wegħdiet li għadhom ma ġewx imwettqa u għalhekk ser inkomplu insegwu din l-applikazzjoni.

Mary Carmen Bajada staqsiet dwar il-*welcome notice board* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li bħala parti mill-programm *Leader* qed jiġi ssuġġerit li s-sinjali kollha tat-toroq f'Għawdex ikunu uniformi u

li ssir *notice board* fil-bidu ta' kull lokalita'. Hi rreferiet għall-proposta ta' *heritage trail* mill-Ministeru għal Għawdex li l-Kunsill diġa' ta' l-appoġġ għaliha; ser nitolbuhom iktar dettalji dwarha. Hi semmiet ukoll ix-xogħlijiet għar-restawr tal-Mitħna ta' Kola u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-*Heritage Malta* ma jistgħux jagħtuna stima komprensiva tax-xogħlijiet kollha (inqrat korrispondenza magħhom dwar dan). Mary Carmen Bajada semmiet it-tindif tat-toroq li sar fi żmien il-festa u wara diskussjoni ġie deċiż li għal sena oħra nivverifikaw iktar dwar l-attivitajiet li jsiru fil-ġimgħa ta' qabel il-festa ħalli jkun hemm iktar indafa. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-kuntrattur naddaf it-toroq fejn indikajnielu aħna u b'mod ġenerali wettaq xogħlu tajjeb ħafna.

Kevin Cutajar wera sodisfazzjon għax-xogħol li sar f'San Marzjal u anki fl-*area* madwar l-Għar ta' Calypso. Hu staqsa dwar l-irranġar tal-passaġġ ta' l-injam tar-Ramla u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li l-M.T.A. talbitna stima tax-xogħlijiet li hemm bżonn. Mary Carmen Bajada staqsiet dwar it-tindif tat-triq li tagħti mill-Għar ta' Calypso għall-bajja tar-Ramla li ser titnaddaf meta jitlesta t-tindif kollu f'din l-*area*. Kevin Cutajar staqsa dwar il-pavimentar madwar is-siġra ħdejn il-Mitħna ta' Kola u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li bagħat lil Nazzarenu Xerri u dan qallu li ma jista' jagħmel xejn iktar milli għamel. Hu staqsa wkoll dwar bank li kien hemm fl-inħawi li kien tneħħa u l-Kunsill qabel li jerġa' jitpoġġa.

Joseph Bartolo staqsa dwar il-bankina tal-familja Refalo ta' St. Joseph, Triq Gnien Imrik. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser titniżżel ma' lista ta' bankini li għandhom isiru mill-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. f'Għawdex.

**KOMUNIKAZZJONIJIET TAS-SINDKU FOSTHOM IL-FONDI TAL-U.I.F, DEVOLUZZJONI TA' L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV, APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI MIL-U.E., IL-KUNTRATT TAL-GBIR TA' L-ISKART, KUNĊERT TAL-MILIED, L-ORGANIŻAZZJONI TAL-KARNIVAL U MATERJI OĦRA**

Is-Sindku Joseph Cordina semma l-bżonn li niddentifikaw persuna li jrid ta' kuljum inaddaf Pjazza Vittorja u jbattal il-*bins* li hemm. Barra minn hekk irid jieħu ħsieb ukoll l-indafa tal-ġnien ħdejn il-Mithna ta' Kola. Hu ppropona li ta' dan is-servizz inħallsu €230 fix-xahar bħalma qed jingħataw il-kenniesa l-oħrajn. Il-Kunsill qabel li nsibu persuna li tagħtina dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li qed nippreparaw xi dokumentazzjoni dwar il-Miżuri 313 u 323 ta' l-E.R.D.F. sabiex jintbagħtu. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mill-A.D.T. dwar l-approvazzjoni għat-twaħħil ta' xi sinjali li ser ikunu ffinanzjati b'dawn il-miżuri. Hu kompla li ssottomettejna *letter of intent* lill-A.K.L. bħala parti mill-programm *Life*. Dwar il-kuntatti tagħna ma' Offida rridu

naħdmu kemm fuq skambju taż-żgħażagħ u fuq skambji taċ-ċittadini b'finanzjament mill-Unjoni Ewropeja.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ssottomettejna l-applikazzjoni għall-attivita mużikali f'Ġunju 2010 filwaqt li nippruvaw ukoll niksbu finanzjament mill-programm *Leader*.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet dwar l-offerta pubblika għall-ġbir ta' l-iskart. Hu talab lill-kunsilliera biex min jista' jattendi laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru dwar dan is-suġġett. Is-Sindku nnota li trid tinġabar stastika dwar l-ammont ta' skart li kull lokalita qed tiġġenera qabel jinħarġu dawn il-kuntratti.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser jerġa' jikkuntattja lil Stefan Attard ta' *Schola Cantorum Jubilate* dwar l-organiżazzjoni tal-Kunċert tal-Milied ta' din is-sena. Wara diskussjoni ġie deċiż li jekk is-Sur Attard ma jaċċettax, nikkuntattjaw lill-kor *Laudate Pueri* u bħala t-tielet alternattiva nikkuntattjaw lis-Surmast Colin Attard. Kevin Cutajar innota li biex dan il-kunċert jibqa' ħaj, jeħtieġ li l-kontenut tiegħu jvarja minn żmien għal żmien.

Is-Sindku Joseph Cordina kompla li l-Karnival ser ikun organizzat bejn il-Ġimgħa 12 u t-Tlieta 16 ta' Frar 2010. Il-Kunsill iddeċieda li niffurmaw kumitat b'numru ta' dilettanti li jgħinuna nagħtu promozzjoni lill-attivitajiet tagħna. Kevin Cutajar ippropona li l-Kunsill jagħti inċentivi lin-nies biex jipparteċipaw fil-karnival fosthom lil dawk li ġieli ramaw karrijiet tal-Karnival mix-Xagħra.

Is-Sindku Joseph Cordina ippreżenta l-ftehim għad-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill li l-kera mitluba għalih hi ta' €700 fis-sena. Wara li niċċirkolawh lill-kunsilliera, ser nagħtu d-dettalji tagħna lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex nipproċedu bil-firma ta' dan il-ftehim.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li qegħdin f'diskussjonijiet ma' l-*Scouts* tax-Xagħra u x-*Xagħra United Nursery* dwar il-finanzjament għall-promozzjoni tal-kampanja dwar il-lokalitajiet indaf.

Il-Kunsill iddiskuta l-organiżazzjoni ta' l-attivitajiet konnessi mal-festa tal-lokalita. Joseph Bartolo ppropona li niltaqgħu mal-Kumitat tal-Festa biex inkunu ppreparati għall-festa tas-sena d-dieħla. Is-Sindku nnota li jkun tajjeb kieku l-ewwel nistennew li ssir il-laqgħa tal-Kumitat tal-Festa u wara niltaqgħu ma' Mons. Arċipriet. Mary Carmen Bajada nnotat li ma kinitx infurmata li Trejqet Ġorġ Cini kienet magħluqa għall-pubbliku fi żmien il-festa u tistenna li tkun infurmata b'ċerti deċiżjonjiet bħal dawn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara tlett kwotazzjonijiet għal servizz ta' *handyman*: €7.20c is-siegħa mingħand Jason Saliba, €7.50c is-siegħa mingħand Carmel Bonello u €6.40c is-siegħa mingħand Joseph Vella. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni tas-Sur Joseph Vella peress li kienet l-orħos waħda.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont ta' l-*upgrading* tal-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru ffinanzjati mill-fondi tal-U.I.F. biex inkunu nistgħu nieħdu l-aħħar parti ta' dan il-finanzjament. Hu nnota li qabbadna lil Nazzarenu Xerri biex jipprepara l-bażi bis-siment għall-bandli u għat-tapit tal-lastiku li għandhom bżonn jitwaħħlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra dwar l-ammont ta' fondi disponibbli taħt il-U.I.F u l-E.I.P.P.

**QARI TA' KORRISPONDENZA U LMENTI MIR-RESIDENTI**

1) *Memoes* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali:
*Memo 50/2009* – Mistoqsijiet Parlamentari dwar informazzjoni għall-għajnuna minn fondi Ewropej – ser inwieġbuha.
*Memo 51/2009* – Proċedura għall-elezzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ser issir nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru 2009. Intbagħatet ukoll xi nformazzjoni mill-Kummissjoni Elettorali.

2) *E-mail* mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza mill-F.H.R.D. fis-16 ta' Ottubru 2009 fil-Lukanda *Intercontinental*.

3) *E-mail* dwar kompetizzjoni għat-traduturi żgħażagħ fl-Unjoni Ewropeja li d-data ta' l-għeluq tagħha hi l-20 ta' Ottubru 2009.

4) Ittra mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar koperazzjoni ma' kumpaniji għall-ġbid tal-*films*.

5) *E-mail* mingħand id-Dipartiment ta' l-Ispiżjara fil-Ministeru tas-Saħħa dwar it-tilqim ta' l-influwenza. Ser noħorġu l-avviż lir-residenti bħas-soltu u ser ninkarigaw lill-infermier Michael Attard sabiex jieħu ħsieb it-tilqim.

6) *E-mail* mis-Sur Victor Galea f'isem id-Direttorat għat-Tagħlim matul il-Ħajja dwar l-importanza biex jiġu organizzati l-korsijiet ħalli jitnaqqas l-illitteriżmu. Ser nitolbu lis-Sur Galea informazzjoni dwar kemm mill-238 li hawn fil-lokalita tagħna huma taħt l-40 sena.

7) Ittra mill-Pulizija fejn infurmawna li ma hemm xejn fil-liġi Maltija li jirregola l-użu ta' l-*scare guns*.

8) Ittra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'donazzjoni ta' żewġ kotba "Il-Prinċep tal-Martri" mogħtija mill-awtur Dun Gużepp Gauci mir-Rabat Ghawdex.

9) Ittra ta' ringrazzjament mingħand l-M.E.P. Dr. Simon Busuttil għall-awguri li konna bagħtnielu.

10) Seminar mill-*Wasteserve* bejn is-7 u d-9 ta' Ottubru dwar is-separazzjoni ta' l-iskart.

11) Is-Sindku Joseph Cordina nnota li waqt laqgħa ma' Rueben Said mill-A.D.T., hu nfurmah li l-Kunsill għadu qed jikkunsidra t-talba tal-*Heritage Malta* dwar ipparkjar quddiem it-Tempji tal-Ggantija.

Is-Sindku kompla li rridu napplikaw għas-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fl-ewwel parti ta' Triq 28 ta' April 1688 minn Pjazza Vittorja sar-residenza ta' Tunetta Buttiġieġ.

12) *E-mail* dwar kompetizzjoni għat-tfal organizzata mill-I.O.I. li tagħlaq fil-15 ta' Novembru 2009.

13) Minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt li saru fis-16 ta' Lulju 2009 u fit-28 ta' Awissu 2009.

14) Ittra mingħand John Attard f'isem il-Kumitat Armar Festi Marija Bambina fejn insistew li ma nagħtux permessi għall-festa tas-sena d-dieħla matul Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Joseph Bartolo semma li kieku tajjeb li niltaqgħu ma' dan il-kumitat separatament biex niddiskutu din il-kwistjoni. Wara diskussjoni ġie deċiż li nikkunsidraw il-posizzjoni tagħna dwar din il-kwistjoni wara li ssir l-ewwel l-laqgħa tal-Kumitat Ċentrali tal-festa li jmiss.

15) *E-mail* mingħand Joseph Bartolo dwar possibbilta ta' żjarat għar-residenti jew l-anzjani tagħna f'postijiet li huma taħt ir-responsabbilta ta' Wirt Artna. Ser nivverifikaw dwar liema huma dawn il-postijiet.

16) *E-mail* mill-*Heritage Malta* dwar żewġ tabelli ta' l-ipparkjar ma' l-entratura fit-Tempji tal-Ġgantija fejn talbu *double yellow line*.

17) *E-mail* mingħand Tony C. Cutajar dwar pubblikazzjonijiet ta' kotba li jirrelataw dwar is-*Sette Giugno*. Ser niċċekkjaw dwar il-possibbilta ta' fondi Ewropej għal din l-inizjattiva.

18) Ittra mill-*Island Car Club* dwar l-organizazzjoni ta' *Hillclimb* f'Tal-Qaċċa nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru mis-7.00 a.m. sat-3.00 p.m. Il-Kunsill ser joħroġ dan il-permess bil-kundizzjoni li tinżamm l-indafa wara l-attivita.

19) *E-mail* dwar konferenza organizzata mill-Moviment ta' Kana f'Marzu 2010.

20) Kwotazzjoni ta' €1,200 għall-stima ta' xogħol u ħadid mal-*fence* tal-Ġebla ta' Sansuna. Ser ninsistu mal-Perit Xerri sabiex napplikaw għall-fondi taħt l-E.I.P.P. mal-M.E.P.A. Inqrat ittra mill-M.E.P.A. dwar dawn il-fondi.

21) Is-Segretarju Eżekuttiv innota li qed jistenna pjanta aġġornata mingħand il-Perit Scerri ta' Pjazza Vittorja sabiex inkunu nistgħu nikkunsidraw l-applikazjoni tagħna mal-M.E.P.A.

22) D.N.O. mingħand il-M.E.P.A. bħala approvazzjoni ta' alterazzjonijiet nterni fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

23) Is-Segretarju Eżekuttiv innota li ġibdulu l-attenzjoni dwar bżonn ta' *crash barriers* fl-aħħar kantuniera ta' Triq il-Qaċċa. Ser niġbdu l-attenzjoni tal-Ministru għal Għawdex flimkien ma' oħrajn li konna diġa' ġbidna l-attenzjoni dwarhom fi Triq Għajn Ħosna.

24) Ilmenti mingħand Emanuel Galea u Rev. Gerard Buhagiar sabiex jitranġaw il-bankini tagħhom fi Triq it-Tiġrija – dawn ser isiru. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser nagħtu xi xogħljiiet ta' bini ta' ħitan u bankini lill-uffiċċjali responsabbli mill-*pool* ta' ħaddiema li ġejjin mill-W.S.C.

25) Ilment mingħand Francis Bajada ta' 93, Triq Bullara li qed jitlob bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Ser inniżżluha mal-lista ta' dawk pendenti.

26) Ilment mingħand Stephen Gauci ta' *Dream Apartments*, Flat 3, Triq l-Għejjun sabiex issir bozza ġdida. Ser nivverifikaw dwarha.

27) Ilment dwar periklu minn bokka ta' xelter quddiem ir-residenza ta' Louis Bajada fi Triq Spiera – dan l-ilment hu diga' solvut.

28) Ilment sabiex issir rampa fil-bidu ta' Triq Marsalforn – din ser issir mill-ħaddiema assenjati magħna. Inqara wkoll ilment mingħand Ernesto Gauci ta' *Loretu Flats* fi Triq Marsalforn dwar sprall miżdud f'dan l-istess post li sostna li hemm bżonn jitranġa fl-iqsar żmien possibbli. Wara diskussjoni ġie deċiż li minħabba l-ammont ta' finanzjament li jinvolvi, ser naraw jekk nistgħux napplikaw għalih taħt il-programm *Leader*.

29) Ilment mingħand Rita Sultana ta' 68, Triq Gajdoru dwar bżonn ta' *patching* fi Triq Gnejna. Ser nikkuntattjaw lir-residenta għal iktar dettalji.

30) Ilment mingħand David Charles Gahan ta' 8, Triq Gużeppi Bajada dwar isem tat-triq nieqes. Ser nordnawh flimkien ma' ieħor ta' Triq l-Arċipriet Ġużeppi Diacono.

31) Ilment mingħand Stephen Borg ta' Triq Karkar dwar il-bżonn li jitranġa bis-siment quddiem tiegħu u dwar żgumbrar ta' vetturi quddiem tiegħu.

32) Ilment sabiex jinbena ħajt fi Triq Gajdoru. Wara diskussjoni ġie deċiż li għalissa dan ma jinbeniex. Ser niktbu lill-Ministeru għal Għawdex biex triq bejn Triq Gajdoru u Triq Għajn Wajtar titranġa bil-qatran.

33) Ilment mingħand Marvic Muscat dwar skart li jintefa f'għalqa li għandu fi Triq Masri (ser inwahhlu sinjal li jipprojbixxi t-tfiegħ ta' skart) u sabiex issir bozza ġdida fl-istess inħawi (din ser tiġi kkunsidrata).

34) Ilment mingħand il-familja Formosa li joqgħodu f'nofs Triq Bullara li qed jitolbu *double yellow line* quddiem il-kanċell ta' quddiem id-*drive-in* li tieħu 'il fuq lejn id-dar tagħhom flimkien ma' mera mwaħħla quddiem il-blokk appartamenti ġodda li ġew mibnija quddiemhom. Ser nivverifikaw iktar dwar dan l-ilment.

35) Mary Carmen Bajada semmiet problema simili quddiem ir-residenza ta' Gabriella Agius fl-istess triq.

## APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti:

| Perjodu: | Settembru 2009 | | |
|---|---|---|---|
| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4162 | Dr. Christian Zammit (rimbors ta' spejje\ relatati mat-telefon) | 74.70 | 2160 |
| 4163 | Dr. Kevin Cutajar (rimbors ta' spejje\ relatati mat-telefon) | 74.70 | 2160 |
| 4164 | Joseph Bartolo (rimbors ta' spejje\ relatati mat-telefon) | 74.70 | 2160 |
| 4165 | Mary Carmen Bajada (rimbors ta' spejje\ relatati mat-telefon) | 149.40 | 2160 |
| 4166 | Joseph Cordina (rimbors ta' spejje\ relatati mat-telefon) | 235.74 | 2160 |
| 4167 | Joseph Cordina | 45.77 | 2760 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (rimbors ta' spejje\ relatati<br>ma' trasport fuq xog]ol tal-Kunsill) | | |
| 4168 | Joseph Attard<br>(kirja ta' skip) | 59.00 | 2370 |
| 4169 | Alfred Tabone<br>(servizz ta' *waiter*) | 15.00 | 3370 |
| 4170 | Christian Bajada<br>(servizz ta' *waiter*) | 15.00 | 3370 |
| 4171 | G]aqda Nar Festa Marija Bambina<br>(log]ob tan-nar fis-7 ta' Settembru 2009) | 640.00 | 3370 |
| 4172 | Cash<br>(trasferiment ta' flus<br>mill-kont bankarju g]all-*petty cash*) | 111.66 | |
| 4173 | Joseph Azzopardi<br>(salarju g]ax-xahar ta' Settembru 2009<br>li jinkludi l-*income supplements*) | 1564.67 | 1200/<br>1400 |

| Nru taċ-cekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4174 | Josephine Sultana<br>(salarju g]ax-xahar ta' Settembru 2009<br>li jinkludi l-*income supplements*) | 1210.49 | 1200/<br>1400 |
| 4175 | Joseph Cordina<br>(onorarja tas-Sindku<br>g]ax-xahar ta' Settembru 2009) | 324.98 | 1100 |
| 4176 | Ivan Attard<br>(salarju g]ax-xahar ta' Settembru 2009 li<br>jinkludi l-*income supplements*) | 1033.05 | 1200/<br>1400 |
| 4177 | Kummissjarju tat-Taxxi Interni<br>(P.A.Y.E. u N.I. ta' l-impjegati tal-Kunsill<br>g]ax-xahar ta' Settembru 2009) | 1415.84 | 1100/<br>1200/<br>1400/<br>1500 |
| 4178 | Dominic Cilia<br>(servizz ta' tindif waqt il-jiem tal-festa titulari) | 25.00 | 3051 |
| 4179 | Vassallo Jewellery<br>(rigal g]all-*Comune* ta' Offida li kien<br>pre\entat mis-Sindku Joseph Cordina waqt<br>\jara uffi`ċjali tal-Kunsill f'Lulju 2009) | 95.00 | 3370 |
| 4180 | Galea Mini Market<br>(drinks g]al okka\jonijiet varji) | 143.29 | 3340 |
| 4181 | Bartolo Catering<br>(kejkijiet g]all-anzjani f'jum g]eluq sninhom) | 22.30 | 3380 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4182 | Dominic Cilia (servizz ta' tindif tat-toroq urbani waqt il-jiem tal-festa titulari) | 1665.00 | 3051 |
| 4184 | Raphael Refalo (diversi sinjali tat-traffiku) | 300.00 | 7230 |
| 4185 | Anthony Galea (tindif ta' l-*area* ]dejn il-*Bring-In-Sites*) | 423.44 | 0004 |
| 4186 | Philip Bonello (toqob g]all-arbli tal-festa) | 58.25 | 2370 |
| 4187 | Manuel Sultana (bini ta' diversi ]itan tas-sejjie]) | 854.88 | 2370 |
| 4188 | Qronfli Kiosk (kuruna g]a`-`erimonja kommemorattiva tas-7 ta' Settembru 2009) | 12.00 | 3370 |

| Nru taċ-cekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4189 | M'Angelo Caruana (servizz ta' *bus* g]al ]ar[a ta' l-anzjani) | 70.00 | 3380 |
| 4190 | Gatt Enterprises Limited (*supply* ta' ramel) | 68.02 | 2370 |
| 4191 | Manuel Mercieca (kirja ta' mitt si[[u g]a`-`erimonja tas-7 ta' Settembru 2009) | 35.00 | 3370 |
| 4192 | Trophies and Medals (trofej u midalji g]at-*tournament* tal-futbol organizzat mill-Kunsill) | 212.20 | 3370 |
| 4193 | Manuel Sultana (bini ta' diversi ]itan tas-sejjie]) | 1099.46 | 2370 |
| 4194 | Discount Cross Road Ironmongery (materjal g]al diversi xog]lijiet tal-Kunsill) | 460.24 | 2370 |
| 4195 | Michael Refalo (kirja ta' \ew[ *mobile toilets* g]al jiem il-festa titulari) | 330.40 | 3370 |
| 4196 | Ronnie Mizzi (manutenzjoni fuq apparat li jintu\a g]al xog]ol tal-Kunsill) | 19.08 | 2370 |
| 4197 | Office Needs (linka g]al-*laser printer* ta' l-ufficcju) | 80.99 | 2330 |
| 4198 | Joseph Adami (*sympathy cards*) | 65.00 | 2930 |
| 4199 | GO p l c (kera u *charges* tal-linji tat-telefon | 149.47 | 2150/ 2160 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | fl-uffi``ji tal-Kunsill u fil-librerija pubblika) | | |
| 4200 | Gozo Express Services<br>(servizz ta' kurrier) | 36.58 | 2640 |
| 4201 | Mario Mallia<br>(*playing equipment* g]all-*playing field*) | 2509.00 | 7106 |
| 4202 | Accountant Public Cleansing Section<br>(manutenzjoni u sorveljanza tal-latrini pubbli`i g]ax-xahar ta' Awwissu 2009) | 404.86 | 3053 |
| 4203 | Joseph Vella<br>(diversi xog]lijiet ta' manutenzjoni) | 1025.60 | 2370 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4204 | Power Sound<br>(sistema tal-PA g]a`-`erimonja ta' Jum ix-Xag]ra li saret is-Sibt 25 ta' April 2009) | 708.00 | 3370 |
| 4205 | Kummissarju g]all-Protezzjoni tad-*Data*<br>(]las annwali tas-s]ubija) | 23.29 | 2560 |
| 4206 | Melita p.l.c.<br>(kera u charges tal-linja tat-telefon *Hello*) | 128.97 | 2160 |
| 4207 | John Agius – MBX Studio<br>(sistema tal-PA g]al \ew[ attivitajiet organizzati mill-Kunsill) | 190.00 | 3370 |
| 4208 | Joseph Attard<br>(kirja ta' *open skips* u [ebla tal-franka g]al diversi xog]lijiet) | 140.04 | 2370 |
| 4209 | Road Construction Company Ltd.<br>(*cold mix* g]al xog]lijiet ta' *patching*) | 549.73 | 2311 |
| 4210 | WasteServ Malta Ltd.<br>(kirja ta' *bins* g]all-*bring-in-sites*) | 296.59 | 3041 |
| 4211 | Smart Office Supplies Ltd.<br>(*stationery*) | 97.53 | 2620 |
| 4212 | JCR Ltd.<br>(*supply* ta' materjal g]all-bankini) | 252.05 | 2312 |
| 4213 | Marpo Trading Company Ltd.<br>(materjal g]al diversi xog]lijiet) | 487.01 | 2370 |
| 4214 | KIP G]awdex Ltd.<br>(servizz ta' [bir ta' skart domestiku matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 3779.06 | 3041 |
| 4215 | Joseph Refalo<br>(servizz ta' knis ta' \ew[ toroq wara l-mar` ta' Jum l-Inkurunazzjoni) | 45.00 | .3051 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4216 | Mario Gauci<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq g]ax-xhur ta' Lulju u Settembru 2009) | 460.00 | 3051 |
| 4217 | Lewis Bajada<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq g]ax-xhur ta' Lulju u Settembru 2009) | 460.00 | 3051 |
| 4218 | Fortunato Camilleri<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq g]ax-xhur ta' Lulju u Settembru 2009) | 460.00 | 3051 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4219 | Joseph Refalo<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq g]ax-xhur ta' Lulju u Settembru 2009) | 460.00 | 3051 |
| 4220 | Cini Service Station<br>(*fuel* u *cards* tal-mobile) | 650.85 | 2750 |
| 4221 | Guard & Warden Service House<br>(servizzi spe`jali tal-gwardjani lokali g]al waqt il-jiem tal-festa titulari) | 172.82 | 3370 |
| 4222 | Water Services Corporation<br>(kera u *charges* tas-servizzi ta' l-ilma u l-elettriku fil-librerija pubblika) | 122.00 | 2130/ 2140 |
| 4223 | V S S Limited<br>(]las finali fuq is-sistema tac-CCTV cameras) | 4673.97 | 7106 |
| 4224 | Mistaken Identity Band<br>(servizz ta' mu\ika waqt attivita' fit-3 ta' Settembru) | 175.00 | 3370 |
| 4225 | Abraham's Supplies<br>(*catering* g]all-attivita' tat-3 ta' Settembru) | 140.85 | 3370 |
| 4226 | J. Debono Printing Press<br>(stampar g]all-attivita' tat-3 ta' Settembru) | 86.14 | 3370 |
| | **TOTAL:** | **31,943.66** | |

| | | |
|---|---|---|
| **Firma :** | | |

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser nippreparaw lista tan-nefqa kollha relatata mal-festa tar-raħal. Hu kompla li dwar il-*litter bin* fi Triq Gużeppi Grech ser inġibu ieħor iżgħar għaliex dak li ppruvajna npoġġu ma kienx aċċettat mir-residenti ta' dik it-triq.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 p.m.

Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2009 fil-5.30 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju E\ekuttiv**